MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 587/2010

**Jan Christian Nygaard**

***kontra***

**Carmen Nygaard**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta` Gunju 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta` Mejju 1990, minn liema zwieg kellhom tifla jisimha Karin (illum maggorenni), u permezz ta` sentenza tat-28 ta` Marzu 2007 huma legalment separati ;*

*Illi l-intimata avvanzat pretensjoni b`mod gharieqi billi qalet li hija ghandha taghti flus lil Lucia Camilleri fejn sahansitra qalet li l-ammonti huma ta` Lm4,500 u Lm500, total ta` Lm5,000 ekwivalenti ghal €11,647 [hdax-il elf sitt mija erbgha u sebghin Euro] ;*

*Illi minbarra s-suespost, l-istess intimata avvanzat pretensjoni ohra b`mod gharieqi fl-ammont ta` Lm30,000 ekwivalenti ghal €69,881 [disgha u sittin elf, tmien mija wiehed u tmenin Euro] ;*

*Illi dawn il-pretensjonijiet li saru mill-intimata huma foloz u nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma ntizi semplicement sabiex l-intimata inter alia tarekixxi ruhha ndebitament mir-rikorrenti, li min-naha tieghu gie ngannat ;*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara li l-intimata arrikiet ruhha ndipendentement minn somma ta` flus, u dan ghad-dannu tar-rikorrenti ;*

*2. Tillikwida l-ammont ta` flus li l-intimata arrikiet ruhha ndebitament, u dan a dannu tar-rikorrenti, okkorrendo bil-hatra ta` perit nominand ;*

*3. Tordna li tali ammont ta` flus hekk likwidat jigu mhallsa lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, inkluz l-imghax legali mid-data taz-zwieg ta` bejn il-kontendenti, kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ix-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-30 ta` Settembru 2010 li taqra hekk –

*1. ILLI fl-ewwel lok, u preliminarjament, l-azzjoni esperita mill-attur hija inammissibbli a tenur tal-Artikolu 1028B tal-Kodici Civili, billi ghall-pretensjonijiet tieghu l-attur ghandu jew kellu disponibbli ;*

*2. ILLi fit-tieni lok, ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nsostenibbli, billi l-pretensjonijiet li qed jigu vantati mill-attur permezz ta` din il-kawza huma lkoll res judicata, bis-sahha tas-sentenza definittiva pronunzjata mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "Carmen Nygaard vs Jan christian Nygaard" (Citazzjoni numru 525/1999 NC), moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta` Marzu 2007 ;*

*3. ILLI fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-elementi ta` l-azzjoni odjerna, li huma l-lokupletazzjoni favur l-esponenti, l-assenza ta` kawza gusta ghal dik il-lokupletazzjoni, u l-pregudizzju ta` l-attur, huma neqsin, u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi ;*

*4. ILLI fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma wettqet l-ebda ngann fil-konfront ta` l-attur, u ghalhekk it-talbiet tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta flimkien mal-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010.

Rat id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-konvenuta fl-istess udjenza fejn, b`riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, ippreciza li r-rimedji disponibbli lill-attur kienu l-appell mis-sentenza moghtija fit-28 ta` Marzu 2007 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "*Carmen Nygaard vs Jan Christian Nygaard*" (Citaz. Nru. 525/1999 NC), u occorrendo l-procedura ta` ritrattazzjoni.

Rat id-direzzjoni li tat il-Qorti lill-partijiet fl-istess udjenza fis-sens illi kellhom iressqu l-provi taghhom dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Joseph Zammit Tabona fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2012 u rat id-dokument li kien esebit.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Settembru 2012.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta u ta` Lucia Camilleri flimkien ma` dokumenti li kienu annessi.

Rat id-dokumenti li l-konvenuta pprezentat b`nota tas-27 ta` Settembru 2012.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenuta u ta` Lucia Camilleri fl-udjenza tat-8 ta` Jannar 2013.

Rat id-dokumenti li l-konvenuta pprezentat b`nota tal-15 ta` April 2013.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2014.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, huwa kien ghamel testment biex jipprotegi lill-konvenuta martu u lil bintu. Fit-testment nizzel is-somma ta` Lm 30,000 sabiex il-konvenuta ma jkollhiex problemi ma` wild iehor li l-attur kellu minn zwieg iehor. Huwa baqa` mistaghgeb meta l-konvenuta bdiet tippretendi dawk it-Lm 30,000. Ighid illi ma jistax ikun li l-konvenuta kienet issellfet Lm5,000 u Lm3,000 biex thallas ghall-proprjeta` fejn kienu joqghodu, billi huwa fl-istess zmien kien issellef minghand il-Lohombus ghal dak l-iskop. Illum huwa kien separat mill-konvenuta ; l-ammonti li huwa indika fir-rikors guramentat kienu l-istess ammonti li l-konvenuta ppretendiet waqt il-kawza ta` separazzjoni. Fid-Dok JCN1 huwa ndika l-ammonti pretizi mill-konvenuta.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attur fisser li Dok JCN1 inghata lilu fl-2010. Insista li kien hu li xtara l-appartament billi ha self mil-Lohombus. Il-konvenju sar qabel iz-zwieg u l-kuntratt sar wara z-zwieg peress li ma setax jinghata self mill-bank qabel iz-zwieg. Sabiex inghata s-self ohtu min-Norvegja kellha taghmel

garanzija b`appartament taghha. Il-konvenuta maghha gabet biss flus ghax-xiri ta` ghamara. It-Lm 30,000 qatt ma ezistew u qatt ma rahom. Oht il-konvenuta – Lucia Camilleri - kienet tiehu hsieb mara anzjana mill-Furjana. Huwa akkwista ghamara minghand din l-anzjana, izda wara rrizulta li dik l-ghamara kienet ta` Lucia Camilleri. Meta hu ma kienx Malta, l-ghamara tnehhiet kollha. Sab is-serratura tal-bieb mibdula. Wara li bidel is-serratura u dahal fil-fond, sab li l-ghamara u xi pittura kienu tnehhew ; kull ma kien fadal kien sufan. Il-konvenuta hadet l-ghamara kollha ; kienet stmata li tiswa` Lm 5,000. Waqt il-kawza tas-separazzjoni ma kienx inghata cans li jitkellem dwar dan. Mhuwiex minnu li l-konvenuta kienet debitrici ta` Lucia Camilleri fl-ammont ta` Lm5,000. Dwar il-kuntratt tal-akkwist li sar wara z-zwieg tieghu mal-konvenuta, l-attur sostna illi ghalkemm parti biss mill-prezz thallas bil-flus li ssellef mill-bank, il-flus l-ohra harighom hu minn tieghu. Xehed illi huwa kien appella mis-sentenza ta` separazzjoni izda l-appell kien waqa` dezert. L-avukat tieghu ta` dak iz-zmien qatt ma nfurmah x`kien qed jigri bl-appell ; propju u fl-ahhar minuta kien infurmat li ried ihallas €14,000 ghall-appell.

**<u>Av. Joseph Zammit Tabona</u>** xehed illi Lucia Camilleri kienet tiehu hsieb ohtu Inez Zammit Tabona. Dejjem kellu relazzjoni tajba ma` Lucia Camilleri u ma` l-konvenuta. Kien jaf lill-attur ukoll. Ghal xi zmien, il-partijiet kienu koppja kuntenti hafna. Jaf li ghamlu testment. Jaf li fit-testment issemmiet somma flus li l-konvenuta kellha tiehu wara li jmut l-attur. Issemmiet dik is-somma flus ghax il-konvenuta kienet harget flus sabiex inxtara l-appartament li l-partijiet kellhom go Tower Road, Sliema. Meta nqala` l-inkwiet matrimonjali ta` bejniethom, huwa ma kienx involut. Jaf li ohtu Inez kienet tbiegh l-antikitajiet taghha lil Lucia Camilleri. Ghandu l-impressjoni li l-ammonti li kkontribwiet il-konvenuta gew mill-bejgh ta` post li kellha hi ma` haddiehor. Huwa gieli sema` lil ohtu Inez tghid li Lucia tat flus lill-konvenuta.

**<u>Il-konvenuta</u>** xehdet illi meta kienet ghaddejja bil-proceduri tas-separazzjoni mill-attur, kienet diga` ssemmiet il-kwistjoni tat-Lm 30,000. Dawk il-flus kienu parafernali taghha. Fis-sentenza, dawk il-flus tqiesu bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti ; fil-fatt inqasmu bin-nofs. u fis-sentenza tas-separazzjoni dawn gew impoggijin fil-komunjoni ta` l-akkwisti imma gew maqtughin min-nofs. Ghalkemm kien deciz hekk, dawk il-flus gabithom hi maghha fiz-zwieg. Fl-ewwel sena l-attur kellu l-flus maghluqin minhabba li kien

ghadda minn divorzju u ghalhekk kienet thallas hi. Hija gabet flus fiz-zwieg ghaliex kienet ilha tahdem minn mindu kellha 16-il sena. Hallset hi wkoll ghall-kcina. Kellha wkoll flus barra minn Malta u gabithom lura biex tkun tista` thallas.

Kompliet tixhed illi l-attur kellu zewg ulied minn zwieg precedenti. Wara li huma kellhom it-tifla, hija ma xtaqitx li t-Lm 30,000 johduhom it-tfal tal-ewwel zwieg. Ghalhekk wara li hadu parir legali, sar it-testment biex hi tinghata dawk il-flus.

Stqarret illi fis-sentenza tas-separazzjoni, il-bjankerija li kellha taghha qabel izzewwget dahlet fil-komunjoni ta` l-akkwisti. Hija kellha wkoll flus taghha fil-kont ta` ohtha Lucia. Mit-Lm 30,000 li kienu taghha minn qabel iz-zwieg, hallset Lm 8,000 bhala depozitu ghall-flat. Kienet thallas ukoll lil Francis Formosa ghax l-attur ma kienx ihallsu u dan fir-rigward ta` kera ta` appartament fejn kien jghix l-attur waqt l-gherusija. Ohtha Lucia sellfitha Lm 4,500 meta l-attur kien dizokkupat ; l-attur kien accetta li tassew Lucia kienet sellfithom dawk il-flus. Bit-Lm 30,000 li gabet maghha minn qabel iz-zwieg, huma setghu jkomplu ghaddejjin fiz-zwieg ladarba flus l-attur kienu maghluqin. Is-self tal-Lm 4,500 sar aktar `il quddiem fiz-zwieg. Sat-tielet sena taz-zwieg, it-Lm 30,000 kienu ntefqu kollha.

Il-konvenuta tinsisti illi hija qatt ma ghamlet pretenzjonijiet foloz. Il-pretensjonijiet kollha li l-attur qieghed iressaq fil-kawza tal-lum kienu kollha trattati u decizi mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2007. Fis-sentenza kien deciz li kien hemm kreditu favur taghha ta` Lm30,000 li kien jirraprezenta l-valur ta` flus parafernali taghha u li ntuzaw qabel iz-zwieg biex ikkontribwiet ghal depozitu fuq il-flat kif ukoll ghal spejjez relattivi ghall-immobiljar ta` l-flat u pagamenti ta` debiti ta` l-attur. Ikkonfermat li hija baqghet tahdem bejn l-1976 u l-1989. Irnexxielha tbiegh id-dar li kellha mal-gharus precedenti taghha u gemmghet it-Lm 30,000.

Xehdet illi t-testment sar fil-11 ta` Frar 1993. Hemm kien dikjarat li t-Lm Lm 30,000 kienu parafernali u kellha tohdohom hi. Kien hemm Lm 3,500 li kien il-prezz li thallset ta` vettura Honda Civic li kellha qabel iz-zwieg u li biha sar part exchange ma` karozza Golf. Fis-sentenza tas-separazzjoni, dan kien rikonoxxjut wkoll. Hallset rata mensili ta` Lm 400 versu l-prezz tal-flat. Uhud mill-pagamenti saru minn flus li kellha l-Ingilterra. Harget parti ohra mill-flus parafernali taghha biex xtrat l-ghamara ; `il fuq minn Lm 5,000.

Il-konvenuta pprezentat prospett ta` l-flus li nefqet mill-1989 sal-1992. Ipprezentat cheque ta` l-attur li kien inghata lilha biex jirrinborsaha ghal flus li kienet hallset lis-sid tal-kera fejn kien jabita waqt l-gherusija. Hija baqghet ma sarrfitx dak ic-cheque peress illi l-attur kien talabha biex ma ssarrfux. Ipprezentat statement li jikkonferma li hija kellha Lm 3,700 nvestiti f`kont l-Ingilterra : nefqet dawk il-flus sabiex taghmel tajjeb ghall-hlas ta` garage space tal-flat ; rcevuta tal-kcina li nxtrat ghal Lm 1,050 minn flus parafernali ; u ittra ta` John Bezzina li akkwista d-dar ta` Bulebel li hija kienet bniet u mbaghad bieghet. Nefqet dawk il-flus kollha peress li l-flus ta` l-attur kienu maqbudin. Ikkonferma li ssellfet Lm4,000 u Lm500 minghand ohtha Lucia ghax il-flus parafernali taghha ma kinux servew biex tlahhaq ma` l-ispejjez ; aktar u aktar meta l-attur ma kienx qed jahdem. Anke dak is-self kien mertu tas-sentenza tas-separazzjoni. Lucia ghenitha ukoll fil-furnishing ta` l-appartament.

Fil-**kontroezami**, il-konvenuta xehdet illi d-dar ta` Bulebel kienet inbniet fuq plot tal-Gvern. Bieghet il-post ghal xi Lm 18,000 u thallset appoggi ta` Lm 4,000. Meta zzewget lill-attur kellha 29 sena u kienet tahdem bhala supervisor il-Brand International. Kienet taghmel xoghol overtime anke s-Sibt u l-Hadd. Gieli kienet taghmel xoghol ta` accounting lil hbieb taghha. Kellha Lm 52 fil-gimgha, flimkien ma` shift allowance. Dik il-paga kienet il-basic ; bis-sahra l-paga kienet tizdied sewwa, gieli telghet ghal Lm 600 fix-xahar. Ghat-tieg l-attur ma hareg xejn. Qabel izzewget hija kellha Lm 27,000. Missierha kien taha wkoll bejn wiehed u iehor Lm6,000. Qabel iz-zwieg, kienet tghix mal-genituri taghha u ma kellhiex spejjez u lanqas kapricci.

Qalet illi l-gharus precedenti taghha kien ghamel xi spejjez fil-binja ta` Bulebel. Ghalhekk fil-kuntratt tal-bejgh, kien tnizzel li parti mir-rikavat tal-bejgh kellu jmur direttament a favur tal-gharus li kellha ; kienu madwar Lm 9,000. Inoltre rnexxielha tiehu lura depoziti li kienet hallset biex tghammar id-dar u bieghet dak li setghet mid-dar bhal appliances u madum qabel sar il-bejgh.

Xehdet illi matul l-ewwel sena taz-zwieg, l-attur lanqas seta` johrog centezmu wiehed ghaliex kienu waqfulu l-paga. L-gherusija ma` l-attur damet tlieta jew erba` snin.

**Lucia Camilleri** xehdet li qabel izzewget lill-attur, ohtha l-konvenuta kienet gharusa lil haddiehor. Kienet bniet dar go Bulebel minn flusha. Wara li gherusija thassret id-dar inbieghet. Il-konvenuta poggiet go kont tal-bank f`isem ix-xhud flus minn taghha fl-ammont ta` Lm 28,000 sabiex tilqa` kontra xi azzjoni ghal kumpens li seta` jaghmel l-ex gharus taghha ghall-ftit li kien hareg ghad-dar. Il-konvenuta kellha wkoll xi flus f`kont l-Ingilterra. Meta l-konvenuta giet bzonn il-flus biex jinxtara l-flat ta` Tower Road, Sliema, hija kellha bzonn tizbanka t-Lm 28,000 u ghalhekk hija tat lura l-flus lil ohtha. Silfet Lm4,000 ghall-flat. Tat ukoll Lm 500 bhala garanzija bankarja li l-attur kellu bzonn jiddepozita fl-1992. Taf li l-partijiet ghaddew minn kawza ta` separazzjoni u taf li dawn il-kwistjonijiet kollha tal-flus kienu trattati u decizi fis-sentenza li kienet inghatat fil-kawza.

Fil-**kontroezami** Lucia Camilleri kkonfermat li d-dar ta` Bulebel inbieghet qabel il-partijiet izzewgu. Min xtara l-proprjeta` ma kienx hallas f`daqqa. Hija u l-konvenuta kienu jafdaw lil xulxin u ghalhekk ma kienux ghamlu karti bejniethom.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-eccezzjonijiet</u>**

**L-ewwel, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet jitilqu mill-premessa illi dik attrici hija l-*actio de in rem verso*. Ghalkemm l-ewwel eccezzjoni kienet deskritta mill-konvenuta bhala ta` natura *preliminari* fir-realta` hija eccezzjoni li tolqot il-mertu tal-azzjoni attrici bhala *actio de in rem verso* u ghalhekk ghandha titqies flimkien mat-tielet u mar-raba` eccezzjonijiet. Ma jistax jinghad l-istess dwar it-tieni eccezzjoni ghaliex dik tassew hija ta` natura *preliminari* billi, hi x`hini l-azzjoni tentata mill-attur, il-konvenuta qeghda teccepixxi r-*res judicata*. Propju ghaliex it-tieni eccezzjoni hija *preliminari* fis-sens illi jekk tkun milqugha, izzomm it-tkomplija tal-kawza, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li ghandha tippronunzja ruhha l-ewwel u qabel xejn dwar it-tieni eccezzjoni ghaliex jekk l-eccezzjoni tirrizulta fondata, allura ma jkunx hemm aktar htiega li tqis it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

**1) <u>*Raison d`etre*</u>**

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 1934 fil-kawza "**Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et**", il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :-

*"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'."*

Billi l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha li tigi meqjusa minn Qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta` interpretazzjoni stretta, tant li f`kaz ta` dubju l-gudikant ghandu jaqta` kontra dik l-eccezzjoni (ara : Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 1998 – "**Camilleri vs Mallia**"). Min-naha l-ohra fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata ; jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li trid il-ligi ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka s-sentenza (ara : PA – "**Cassar Parnis vs Soler**" – 11 ta` Marzu 1949 – Kollez Vol XXXIII.II.344). Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga` tezisti waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza (ara : **PA/GV** – "**Farrugia vs Borg Reveille et**" – 27 ta` Gunju 1995).

**2) Ir-rekwiziti**

Tlieta huma l-elementi ta` *res judicata* :

i) "*eadem res*" ;
ii) "*eadem causa petendi*" ; u
iii) "*eadem personae*".

(ara : Qorti tal-Appell - 10 ta` Ottubru 2003 - "**Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri**" ; u PA/RCP – 17 ta` Frar 2000 – "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited**").

Ir-rekwizit "***eadem res***" kien trattat fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/RCP**) tad-9 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd**". Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida jkun **identiku** ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-fatt li sentenza ssir gudikat ma jimpedixxix li tigi proposta talba gdida, dment li dik it-talba tkun intiza sabiex tottjeni xi haga **differenti** minn dak li kien intalab fil-procediment precedenti li kien deciz b`mod definittiv. Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett tat-talba l-gdida jkun **simili** ghal dak tad-decizjoni precedenti, izda **mhux identiku**, dik is-similarita` mhijiex ostakolu biex issir it-talba l-gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkun intalab u li kien deciz mill-Qorti. Mit-tifsira li taghti d-dottrina dwar kif ghandha tigi determinata l-identita` ta` l-oggett jidher illi l-ahjar mod huwa illi l-Qorti tezamina jekk il-kwistjoni sollevata fil-procediment il-gdid kenitx deciza jew le fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Wiehed ikun irid jara jekk il-kwistjoni sollevata fit-talbiet il-godda kenitx determinata fis-sentenza l-ohra jew jekk inkella baqghet irrisolta. Jekk jirrizulta li l-kwistjoni tkun giet **trattata u deciza**, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.

Kien affermat illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kaz ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta` qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (ara : Qorti tal-Appell Kummercjali : "**Dr Jose` Herrera noe vs Anthony Cassar et noe**" – 5 ta` Ottubru 1992 – Kollez Vol XXX.I.131). Intqal ukoll illi ghalkemm biex jista` jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedotta fl-ewwel citazzjoni (ara : PA - "**Antonio Avela vs Giuseppe Fenech**" – 28 ta` Frar 1946 ; u Appell Civili – "**Eugenio Borg vs Saverio Farrugia**" – 31 ta` Marzu 1952"). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista` permezz ta` kawza ohra jiftah it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diga` gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li diga` tkun ghaddiet in gudikat (ara : "**P.L. Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci**" – PA – 6 ta` Marzu 1946). Inghad ukoll illi "*sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik*

*il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat*" (ara : Qorti tal-Appell Civili – "**Caterina Gerada vs Av. Dr. Antonio Caruana**" – 7 ta` Marzu 1958).

Ir-rekwizit "***eadem causa petendi***" jirrikjedi li l-*causa* fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba li tkun diga` giet deciza b`mod definittiv. Il-*causa petendi* hija t-titolu li fuq it-talba tkun ibbazata, u cioe` l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz ikun ibbazat. Sabiex tirrizulta l-"*eadem causa petendi*", irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba lit kun giet determinata bis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta` l-motivi fil-`*causa petendi*`.

Ir-rekwizit tal-"***eadem personae***" kien trattat fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tal-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**Charles Cortis vs Francis X Aquilina et".** Hemm inghad illi :-

*"L-element tal-identita` tal-persuni huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih."*

It-tliet elementi huma kumulattivi **mhux** alternattivi u ghalhekk iridu jissussistu t-tlieta sabiex jista` jinghad li hemm *res judicata.* Il-mankanza ta` mqar wiehed mit-tlieta huwa pregudizzjali biex ikun hemm *res judicata.*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Ottubru 2011 fil-kawza "**Joseph Portelli vs Joseph Stellini et**", il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**JD**) ghamlet din l-analizi :-

*"Illi huwa ben stabilit li sabiex din il-Qorti tilqa` din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta` sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali.*

*Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta` res judicata kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha dejjem tigi deciza b`kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita` tas-sentenza.*

*Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** intqal li :-*

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta` fatt izda hi wahda ta` natura prettament guridika. Huwa importanti pero`, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi lprincipji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond talgurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u talportata tas-sentenza precedenti ..."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita lenuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet **`Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et`,** Appell Kummerc, 5 ta` Novembru 1934" :-*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal- "exceptio judicat"` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

*Illi fis-sentenza* ***Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et*** *gie riaffermat li :-*

*"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)."*

*Illi, kif inghad f`ghadd ta` decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f`sentenza, li tbieghed il-possibbilta` ta` decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta` ta` kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni talgudikat ghandha tkun ta` interpretazzjoni stretta, tant li, f`kaz ta` dubju, l-gudikant ghandu jaqta` kontra dik leccezzjoni.*

*Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b`dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata ; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik issentenza.*

*Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga` jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza. Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat malezistenza ta` sentenza ; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li ssentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni talgudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta` gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li*

*kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi talcausa petendi fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.*

*Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et** gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat. Dan ifisser li leccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik leccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah talgudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza. Infatti huwa maghruf li "nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-eadem res, fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited** gie kkonfermat li din ghandha "tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

*Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b`talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta` talba gdida hu simili ghal ta` decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.*

*Illi ghar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi l-**Prof. Caruana Galizia** f`**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based" . Illi*

*ghalhekk, din hija t-titlu, cioe`, l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta` l-eadem causa petendi tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b`sentenza li ghaddiet in gudikat.*

*Illi dwar l-eadem personae, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia*** *il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta` qabel kienet giet maqtugha f`kawza bejn l-istess persuni…" Illi pero` dan ma jfissirx li "l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika blinseriment ta` persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali".*

**3) <u>Risultanzi ta` l-kaz tal-lum</u>**

Dan premess, u riferibbilment ghall-kaz tal-lum, jirrizulta sodisfatt ir-rekwizit ta` l-*eadem personae* billi l-partijiet fil-kawza tal-lum u fil-kawza citata mill-konvenuta fl-eccezzjoni taghha huma l-istess. Dwar iz-zewg elementi l-ohra, il-Qorti tirrileva illi fit-tieni u fit-tielet premessi tar-rikors guramentat, kif ukoll fix-xiehda tieghu, l-attur jirreferi ghal somma ta` Lm 30,000 li l-konvenuta tallega li kienu taghha qabel iz-zwieg u li kellha tiehu lura, u ghal somma ohra li l-konvenuta kellha taghti lil Lucia Camilleri. Jirrizulta li fil-kawza li kienet deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienu trattati l-kwistjonijiet li jirrigwardaw dawn il-flus.

Fir-rigward tat-Lm 30,000, insibu fil-pag 11 tas-sentenza citata mill-konvenuta fit-tieni eccezzjoni (esebita a fol 10 et seq) illi l-Qorti ddecidiet li kellha tinbiegh id-dar taz-zwieg, u mir-rikavat tal-bejgh, kellu jithallas lill-konvenuta kreditu ta` Lm 30,000 li rrizulta li kienu parafernali taghha. Analizi tal-provi dwar dawn it-Lm 30,000 kienet saret mill-perit legali li kien inhatar minn dik il-Qorti fil-kawza. Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jghid hekk :-

*"a. Parafernali ta` Carmen*

*i. Is-somma ta` Lm30,000 li huwa kreditu dovut lill-attrici rapprezentanti diversi flejjes li hija kellha qabel iz-zwieg u rigali ohra fi flus. Illi l-esponenti jirrileva illi ghalkemm id-diversi somom imsemmija mill-attrici f`Dok CN4 jammontaw ghal circa Lm27,000 il-partijiet kienu ghamlu testment (dok CN 10) fejn huma iddikjaraw illi l-ammont ta` Lm30,000 kienu parafernali tal-mara.*

*ii. Illi ghalkemm fil-fehma ta` l-esponenti testament ma jakkwistax il-validita` tieghu hlief mal-mewt tat-testaturi u kwindi fih innifsu ma jistax jitqies bhala prova tal-kreditu pretiz mill-attrici, l-esponent jirrileva illi s-somma ta` Lm30,000 tirrizulta bi provi ohra.*

*iii. L-istess somma giet dikjarata dovuta mill-istess attrici fl-affidavit taghha u kopja tat-testment gie minnha ezebit waqt ix-xhieda taghha viva voce fis-seduta tas-16 ta` Frar 2001 fejn l-attrici anki spjegat ir-raguni wara d-dikjarazzjoni.*

*iv. Ghalkemm il-fatt li l-konvenut qatt ma zmentixxa l-ammont pretiz, ma jistax jittiehed bhala li jfisser amissjoni li l-ammont huwa dovut, l-esponent jaghmel referenza ghax-xhieda ta` Dr Joseph Zammit Tabona li spjega li hu kien konsulent tal-partijiet in konnessjoni mat-testment. Huwa xehed illi l-ammont ta` flus parafernali tal-mara gie indikat fit-testment u dan bi qbil bejn il-partijiet. L-esponent innota li l-istess Dr J Zammit Tabona kien ukoll prezenti waqt it-testment tant li huwa firmatarju u kwindi bhala tali huwa xhud attendibbli u indipendenti ta` dik li kienet l-intenzjoni vera tal-partijiet u kwindi d-dikjarazzjoni li s-somma ta` Lm30,000 hija dovuta bhala kreditu lill-mara hija soddisfacentement pruvata. Illi ghalhekk l-esponenti jhoss illi mill-kumulu ta` provi l-ammont ta` Lm30,000 jirrizulta huwa kreditu dovut lill-mara."*

Ghar-rigward tal-ammont l-iehor, din il-Qorti tosserva li l-ammont korrett ma kienx dak ta` Lm 5,000 (Lm 4,500 + Lm 500) li semma l-attur fir-rikors guramentat izda Lm 4,500 (Lm 4,000 + Lm 500). Fejn si tratta ta` Lucia

Camilleri, ma jirrizultax li ghamlet self iehor ghajr l-Lm 4,000 u l-Lm 500. L-istess Lucia Camilleri tikkonferma li l-ammont dovut lilha kien ta` Lm 4,500. Dan premess, fil-pag 9 tal-istess sentenza, jinghad illi fost il-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti kien hemm "*kreditu ta` Lm4,000 dovut lil Lucia Camilleri, oht l-attrici , li dina kienet harget bhala depozitu fuq il-kuntratt ma` l-akkwist tad-dar konjugali, liema debitu jirrizulta ammess mill-istess konvenut*" u "*kreditu ta` Lm500 rapprezentanti ammont ta` garanzija, dovut lill-istess Lucia Camilleri, kif spjegat mill-perit legali fil-paragrafu 70(d) fol 652.*" Fil-pag 11 tal-istess sentenza, kien deciz illi mill-bejgh tad-dar taz-zwieg kellu jithallas il-kreditu ta` Lm 4,500 dovut lil Lucia Camilleri .

Fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, jirrizulta ben evidenti li l-kawza u s-sentenza citata mill-konvenuta kienet tittratta *wkoll* dwar l-istess oggett u l-istess mertu tal-kawza tal-lum. Ghalkemm huwa minnu li fil-kawza tal-lum, l-attur qed jqajjem kwistjoni dwar allegat arrikkiment indebitu da parti tal-konvenuta mentri l-kawza citata mill-konvenuta kienet tittratta *principalment* is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bit-talbiet soliti li jsiru fi procediment ta` dik ix-xorta, fl-istess waqt fil-kawza citata mill-konvenuta kien deciz *ukoll* b`mod definittiv kull ma kien jirrelata specifikament dwar l-ammonti li huma l-pern tal-istanza li qed iressaq l-attur fil-kawza tal-lum.

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Lulju 2003 fil-kawza "**Edmea Pace vs Edward Pavia**" din il-Qorti (**PA/TM**) ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta` Dicembru 1956 fil-kawza "**Cassar vs Zammit**" fejn inghad hekk :-

*"hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita` tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess 'ratio petendi' ; u hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta` qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess ; u ghalkemm biex jista` jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita` fuq il-punt kontrovers, jew tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni".*

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Edmea Pace vs Edward Pavia**" (op. cit.) il-Qorti tenniet ukoll li *huwa principju generali li l-gudikat jolqot ukoll eccezzjonijiet u argumenti li setghu gew sollevati f`gudizzju precedenti. Jekk parti, f`kawza precedenti titlob l-infurzar ta` kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta` dak il-kuntratt, il-validita` ta` dak il-kuntratt ma tistax tigi diskussa f`gudizzju iehor. Darba kuntratt jigi invokat f`kawza u impoggi bhala l-bazi ta` dik l-azzjoni, kwalunkwe difiza li jista` jkollha effett li tinnewtralizza jew twaqqa` dak ilkuntratt, (bhal, per ezempju, li l-parti l-ohra mhux proprjetarja u ma tistax tittrasferixxi titolu tajjeb), kellha tigi sollevata f`dak il-gudizzju, u darba li l-Qorti taghti effett lil dak il-kuntratt u tordna l-ezekuzzjoni tieghu, ma jistax, f`gudizzju iehor jingiebu argumenti jew jitressqu provi bilhsieb li jigi distrutt dak il-gudikat. Darba, allura, li l-iskop ta` din il-kawza timmira li ggib dikjarazzjoni li l-effett taghha hu li twaqqa` l-gudikat tas-sentenza tat-3 ta` Dicembru, 1993, jikkonkorri b`daqshekk, it-tielet element mehtieg.*

Din il-Qorti hija wkoll konfortata minn dak li nghad fis-sentenza diga` citata "**Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et**" fis-sens l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha tkun il-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta` gie dibattut u trattat mill-parti li kellha interess. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

**Jirrizulta li s-sentenza pronunzjata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "*Carmen Nygaard vs Jan Christian Nygaard*" (Citaz. Nru. 525/1999 NC) moghtija fit-28 ta` Marzu 2007 ghaddiet in gudikat, anke ghaliex irrizulta li ghalkemm l-attur tal-lum appella mis-sentenza, l-appell tieghu mar dezert. Ladarba dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, mhuwiex lecitu li l-attur, f`tentattiv sabiex jinnewtralizza d-decizjoni precedenti, jerga` jipproponi bil-kawza tal-lum kwistjonijiet li kienu diga` trattati u decizi fis-sentenza ta` qabel. Daqstant iehor mhuwiex lecitu li l-attur jittenta jgib `il quddiem ragunijiet, argumenti jew provi li kien jaf bihom fil-kors tal-process l-iehor ; jekk naqas allura**

**“*imputet sibi*”. Il-gudikat tal-kawza l-ohra jorbot lill-attur ghar-rigward tal-pretensjonijiet li ttenta jressaq fil-kawza tal-lum. Il-Qorti hija konvinta bil-fondatezza tat-tieni eccezzjoni. Ladarba dik hija l-fehma tal-Qorti, ma hemmx lok li tqis it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------